MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Numru. 539/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAY D'ANASTASI**
**SPETTUR MARISA CAMILLERI**
**VS**
**RAYMOND CARUANA**
**ALFRED CARUANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Caruana ta' 29 sena bin Joseph u Sebastiana nata Farrugia imwieled Pieta` fit-18 ta' Frar 1977 u residenti 'St Frances', Triq San Gwann Fgura detentur ta' ID card numru; 152077M u lil Alfred Caruana ta' 35 sena bin Joseph u Sebastiana nata Farrugia imwieled Pieta` fl-1 ta' Gunju 1970 u residenti Flat 5, Block 1, Entratura C, Triq il-Villa tal-Ammirall, Kalkara detentur ta' ID card numru 241170M:

Fejn gew akkuzati talli fit-30 ta' Mejju 2006 ghal-habta tas-siegha u nof ta' filghodu gewwa Hal-Qormi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg hadiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija izjed minn hamsin Lira Maltin imma ma tiskorrix il-hames Mitt Lira Maltin liema hsara saret ghad-dannu ta' Carmel Vella minn Hal-Qormi;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija izjed minn hamsin Lira Maltin imma ma tiskorrix il-hames Mitt Lira Maltin liema hsara saret ghad-dannu tal-avukat Ludwig Caruana LL.D.

U aktar Raymond Caruana wahdu talli ghall-habta tas-siegha u nofs ta' filghodu gewwa Hal-Qormi, saq jew ipprova jsuq jew kellu taht il-kontroll tieghu vettura numru KBI 134 fit-triq jew post pubbliku meta kien taht l-influwenza ta' xorb jew drogi;

Talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi bil-lejl kissru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor kif ukoll talli minghajr ma darbu jew sawwtu lil Carmel Vella, heddewh bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddbuhom;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi heddew bil-kliem u/jew ingurjaw lil Carmel Vella u/jew lil membri ohra tal-familja tieghu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Carmel Vella u l-membri l-ohra tal-Familja Vella u dan skont kif hemm indikat fl-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet tal-ammissjoni tal-imputati ghajr ghal kwantum tal-hsara.

Semghet il-konferma tal-ammissjoni tal-imputati wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Rat ir-relazzjoni tal-perit espert Joseph Barbara minnu pprezentata u mahlufa.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

L-imputati ghamlu ammissjoni tal-piena ghal akkuzi kif dedotti ghajr li dehrilhom illi l-istima tal-hsara li wettqu fuq il-bieb ta' barra tar-residenza tal-kwerelant kienet eccessiva.

Illi ghaldaqstant il-Qorti nnominat lill-espert mastrudaxxa Joseph Barbara li ezebixxa r-relazzjoni tieghu, Dok JB u stabbilixxa l-hsara f'ammont ta' seba' mitt ewro (€700).

Illi l-Qorti rat illi l-imputat Alfred Caruana hallas  mitt ewro (€100) fil-mori tal-kawza.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuzi bil-hsara volontajra pero` li ma teccedix elf mija u erba' u sittin ewro u disa' u sittin centezmu (€1164.69), u wara li rat Artikolu 325, 338(dd), 339(e) Kap 9 Art 7, 24 tal-Kap 446, tqieghed lill-imputati taht Ordni ta' Probation ghal sena u fil-konfront ta' l-imputat Alfred Caruana tordna hrug ta' *compensation order* favur Carmelo Vella f'ammont ta' €250 li ghandha tithallas fi zmien sena u fil-konfront ta' l-imputat Raymond Caruana tordna hrug ta' *compensation order* favur Carmelo Vella f'ammont ta' €350 li ghandha tithallas fi zmien sena.

Il-Qorti akkordat il-piena in vista tal-ammissjoni bikrija u tal-fatt li ma gewx esebiti l- fedini penali ta l- imputati fl-atti processwali din il-Qorti ma tistax ma tqisx lill-imputati bhala *first offenders.*

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------